# L-GHAJN IL-KBIRA



Maħruġ mill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana — Għawdex
fl-Okkażjoni tal-Festi Ċentinarji.

BQT
3412
.F6
S45
1975

It-Tielet Ħarġa

Ġunju 1975.

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Il-Festa Titulari u tant festi oħra li nagħmlu matul is-sena, fosthom il-Milied u l-Għid, huma parti essenzjali fil-ħajja tan-nisrani u tal-kommunità parrokkjali. Għaliex bil-Magħmudija, aħna sirna membri ħajjin ta' Kristu **Glorjuż** u qbadna l-mixja lejn il-festa perfetta u li qatt ma tintemm fil-ġenna.

Għalhekk, għad li bħala programm ta' attivitajiet hi tgħaddi malajr, **bħala ferħ imnissel fi qlubna**, kull festa għandha tibqa' ħajjitna kollha biex hekk ngħixu dejjem fin-"novena" u t-"tridu" ta' thejjija għall-festa li hemm tistenniena fid-dinja l-oħra.

Biex dan iseħħ hemm ħafna dmirijiet xi nwettqu bħala nsara. Imma nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Fontanin kollha b'mod partikulari lejn tliet attivitajiet matul dawn il-Festi Ċentinarji, li huma:

a. dawk li minnhom wieħed jista' jitgħallem aktar dwar Kristu, jiġifieri l-konferenzi, il-"quiz" għal żewġ kategoriji ta' tfal u l-Akkademja, għaliex Kristu biss hu t-Triq, il-Ħajja, is-Sewwa u d-Dawl li jdawwal lil kull bniedem fid-dinja; b. il-funzjoni għall-morda u l-Quddiesa tal-ġenerożità biex nidraw naħsbu dejjem aktar fil-parti batuta tal-Ġisem Mistiku ta' Ġesù u c. iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi li fihom insibu l-qofol tal-laqgħa tagħna ma' Kristu, l-aktar bit-Tqarbin Imqaddes. U proprju hawn niftakru f'ħutna midinbin jew li għal xi raġuni huma 'l bogħod minn Ġesù u nitolbu ħafna għalihom biex huma wkoll jersqu jixorbu l-ilma tal-ħajja ta' dejjem li jnixxi mill-Qalb li b'tant ħerqa qed tistennihom!

Żgur li bi programm mibni fuq dawn it-tliet attivitajiet matul is-sena kollha, minkejja li qegħdin ngħixu f'dan il-wied tad-dmugħ, kull wieħed u waħda minna jkun jista' jgħid bis-sinċerità lil Ġesù:

> **"Fit-tgħanniqa ta' qalbi ma' Qalbek**
> **Ruħi togħxa bil-ferħ tal-ħlewwiet!"**

**DUN ĠWANN CINI**

# X'effett se jħallu fina l-Festi Ċentinarji?

Aħna l-Fontanin inħossuna ferħana u mkabbra b'dawn il-festi kbar u sbieħ li qegħdin niċċelebraw ad unur tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Hija xorti kbira li messet proprju lilna, kleru u poplu, li nkunu l-parteċipanti ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Ftit ilu tifel qalli: "Taf kemm se niddeverti! Mela jien se nara ċentinarju ieħor! Irrid nibqa' niftakar dawn il-festi ħajti kollha." Sewwa qal dak it-tifel. Nibqgħu niftakru dawn il-festi ħajjitna kollha, mhux biss bħala ħaġa ta' pjaċir li jgħaddi u jispiċċa, imma bħala ħaġa li taffettwana ħajjitna kollha!

Għall-midneb, ħafna drabi, ċirkustanzi bħal dawn iservu biex il-grazzja t'Alla taħdem aktar fih. Kemm konverżjonijiet isiru permezz ta' l-Eżerċizzi, tal-Missjonijiet fil-Parroċċa u ta' affarijiet oħra bħal dawn! U għaliex il-festi ċentinarji tagħna m'għandhomx iservu għalli-istess skop? Ġesù żgur li qed jistenna li jagħti ħafna grazzji ta' konverżjonijiet lil ħafna ngħaġ mitlufa.

Hemm imbagħad il-bniedem biered li xi drabi aktar trid tkun grazzja kbira biex tqanqlu mill-bruda tiegħu milli biex tqanqal wieħed mgħaddas ġol-ħama u t-tajn tal-vizzju. U x'se tkun it-tifsira ta' dawn il-festi għal dan il-bniedem? Forsi se jibqa' bi kwietu, iħalli dawn il-festi jiġu u jmorru bla ma jindenja ruħu jdur dawra miegħu nnifsu u jgħid: "Hemm bżonn li nqum minn din il-bruda! Hemm bżonn li dan l-ilma kiesaħ li qed ngħix fih insaħħnu bin-nar li ħiereġ mill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù! Dawn il-festi rridhom iservuni ta' injezzjoni biex inqum min-nagħas spiritwali tiegħi!"

Fl-aħħarnett, niġu għal dawk li huma mexjin fit-triq it-tajba, li, għall-grazzja t'Alla, għandi naħseb li huma fil-maġġuranza kbira tagħhom. Dawn x'se jieħdu mill-festi ċentinarji? Ġesù jixtieq li min hu tajjeb, isir iktar tajjeb. Illum hu żmien il-progress: fix-xjenza, fil-mediċina, fl-iskola ... Għax m'għandux ikun hemm ukoll progress fil-ħajja tagħna spiritwali? Issa ġiena ċ-ċans. Ma nitilfuhx! Nagħmlu mpenn biex dawn il-festi jħallu frott kbir fina u hekk igħinuna nagħmlu passi ta' ġgant fil-progress tal-ħajja tagħna spiritwali.

Mela, għeżież devoti tal-Qalb ta' Ġesù, neżaminaw ftit lilna nfusna u naraw taħt liema kategorija naqgħu! Hi kif inhi s-sitwazzjoni ta' ruħna, Ġesù dejjem lest li jgħinna, basta min-naħa tagħna nuru rieda qawwija li lesti nagħmlu xi ħaġa biex dawn il-festi kbar u għeżież ma jkunux ġew għalxejn, imma jkunu għalina l-isbaħ tifkira tul ħajjitna kollha!

**Miss Carmen Galea,**

**Presidenta,**

**Kunsill Parrokkjali.**

# Dwar Santa Margerita Marija Alacoque

Qegħdin infakkru t-Tielet Ċentinarju mid-Dehriet ta' Ġesù lil Santa Margerita Marija Alacoque. Għalhekk jixraq li f'din il-ħarġa ta' "L-Għajn il-Kbira", insemmu ħjiel dwar din il-Qaddisa.



Margerita Marija twieldet fit-22 ta' Lulju, 1647, ġewwa Franza, mhux wisq 'il bogħod mill-monasteru ta' Paray-Le-Monial, li fih kellha tgħaddi ħajjitha bħala soru tal-Viżitazzjoni u fejn hi kellha l-famużi Rivelazzjonijiet minn Ġesù. Ta' 18-il sena bdiet l-istudji f'kulleġġ tas-sorijiet, fejn mardet f'daqqa waħda. Matul din il-marda hi reġgħet għamlet il-wegħda li tidħol soru. Iżda meta fieqet wara erba' snin fis-sodda, minflok daħlet soru, Margerita Marija tatha għax-xalar u l-kumpanija ferrieħa u bdiet taħseb għaż-żwieġ. Imma jum wieħed "xi ħadd" daħal fil-ħajja tagħha u hi ntilfet għal warajh bl-imħabba. Dan ix-"xi ħadd" kien Ġesù li ħa ħsiebha u ma riedx jitlifha. Hi daħlet soru tal-Viżitazzjoni u mietet fis-17 ta' Ottubru, 1690. Ġiet dikjarata Beata fit-18 ta' Settembru, 1864, u Qaddisa mill-Papa Benedittu XV fit-13 ta' Mejju, 1920.

Dik li qabel kienet il-Kontessa Ippolita Gropplero ta' Troppenburg u li llum hi Suor Marie-Christine tal-Viżitazzjoni f'Paray-Le-Monial, tirrakkonta: "Ħaġa li dejjem impressjonatni ħafna fil-ħajja ta' Santa Margerita hi li l-inizjattiva tal-laqgħa ta' mħabba bejnha u Ġesù ma kenitx mis-soru, imma minnu ... Hu Ġesù li jsejjaħ, jagħżel u jinsisti." "Santa Margerita Marija kienet l-ambaxxatriċi ta' l-imħabba ta' Ġesù lejn il-bnedmin ... Qaddisin oħra, bħal Santa Ġertrude u Santa Matilde, kienu l-bidu tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Imma l-viżjonijiet li kellhom kienu privati. Għall-kuntrarju, Santa Margerita rċeviet l-ordni minn għand Ġesù biex issir l-ambaxxatriċi uffiċjali ta' din id-devozzjoni fost il-bnedmin." **"Santa Margerita kellha l-bluha ta' l-imħabba lejn Ġesù."** ("Sepolta viva dopo la morte della sua bambina", ta' Renzo Allegri, Riv. "GENTE" tal-31 ta' Marzu, 1975).

# ID-DEVOZZJONI LEJN IL-QALB TA' ĠESU' FIL-KITBA TAL-PAPIET

1) Il-Papa Klement XIII, bid-digriet tal-Kongregazzjoni tas-6 ta' Frar, 1765, beda jmexxi din id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, u għad li din id-duttrina kien għadha qed tiġi studjata mill-Kongregazzjoni biex tiġi msoffija minn xi żbalji li seta' kien hemm, il-Qdusija Tiegħu nqeda b'din il-Kongregazzjoni biex semma' l-kelma tiegħu. Hekku silta qasira ħafna minn dan id-digriet imsemmi fuq:

"......billi ġejna mitluba mill-isqfijiet tal-biċċa l-kbira tal-Polonja flimkien mal-Arċikonfraternità ta' Ruma li ġġib dan l-isem (Qalb ta' Ġesù) biex nagħtu l-permess tal-Quddiesa flimkien ma' l-Uffizzju tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù; l-Imqaddsa Kongregazzjoni tar-Riti, fis-sezzjoni tagħha tas-26 ta' Jannar, 1765, fil-waqt li tagħraf li l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù hija ġà kważi mxerrda mad-dinja kattolika kollha......għal dawn ir-raġunijiet, fil-waqt li mxejna mat-tagħrif li tawna, l-Em. Tiegħu l-Kardinal, Isqof ta' Sabinum, u wara li smajna lir-Rev.du Gaetano Fortis f'Lulju tas-sena 1729, l-imsemmija Kongregazzjoni qablet li tagħti dan il-permess lill-imsemmija Isqfijiet tal-Polonja u lill-Arċikonfraternità ...... Iktar tard ser tittieħed deċiżjoni biex issir l-għażla għall-Quddiesa u Uffizzju biex ikunu l-aħjar u l-iktar addattati."

Għalhekk kienet konsolazzjoni kbira għal dawk id-devoti tal-Qalb Imqaddsa għax il-Q.T., meta ra dan id-digriet, ma biddel xejn minnu, imma approvah fil-waqt li insista li dawk kollha li jitolbu biex jagħmlu l-Quddiesa tal-Qalb Imqaddsa, jistgħu jagħmlu din id-devozzjoni. Dan id-digriet għandu importanza kbira għax fih, sew il-Kongregazzjoni kemm il-Qdusija Tiegħu wrew biċ-ċar l-idea tagħhom favur id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

2) Il-Papa Piju VI bil-Bulla "Auctorem Fidei" tat-28 ta' Awissu, 1794, ta għajnuna kbira lil din id-devozzjoni billi ikkundanna żewġ ideat (sentenzi) li kienu qed jagħmlu ħsara lill-istess devozzjoni. Dawn iż-żewġ sentenzi kienu:

a) Sentenza 61 li kienet tgħid: "Id-duttrina li tgħin id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, hija ħaġa ġdida, ħażina jew għall-inqas perikoluża, iżjed u iżjed jekk din id-devozzjoni tkun skond id-digriet tas-Santa Sede. Dan it-tagħlim huwa qarrieq, dubjuż, ħażin, li joffendi l-vera devozzjoni lejn Ġesù, jagħmel ħsara kbira lill-istess Santa Sede......"

b) Sentenza 63 li kienet tgħid: "......għalhekk id-devoti tal-Qalb ta' Ġesù għandhom ma jagħtux każ tal-fatti, li (la l-ġisem imqad-

des ta' Kristu, la xi parti minnu, anke l-Umanità kollha tiegħu, jekk magħżula u mifruda mid-divinità) ma jadurawx b'mod għoli bħallikieku ...... qegħdin jaduraw lill-ġisem ta' Kristu ...... mhux mifrud mid-Divinità tiegħu. Dan it-tagħlim huwa żbaljat u jagħmel ħażin ħafna lil dawk li jqimu lill-Qalb ta' Ġesù." Wara din il-kundanna, flimkien ma' xi żbalji oħra, il-fidili bdew jinteressaw ruħhom dejjem iktar u jkabbru iktar bis-sħiħ id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa.

3) Il-Papa Ljun XIII bl-Enċiklika tiegħu "Annum Sacrum" tal-25 ta' Mejju, 1899, ta deskrizzjoni ċara u sħiħa ta' din id-devozzjoni. Huwa tkellem b'mod speċjali fuq il-Konsagrazzjoni tal-Bnedmin lill-Qalb Imqaddsa, li huwa kien xtaq li ssir fis-Sena Mqaddsa tal-1900. Kien fil-11 ta' Ġunju ta' l-istess sena li l-Qdusija Tiegħu ikkonsagra lid-dinja kollha lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Minn dak iż-żmien 'l hawn, b'ordni tal-Papa San Piju X (digriet 22 ta' Awissu, 1906), din il-Konsagrazzjoni kellha tiġġedded kull sena fil-knejjes kollha fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Fis-sena 1928, ġiet imbiddla xi ftit il-forma tagħha u b'ordni tal-Papa Piju XI bdiet tingħad fil-festa ta' Kristu Sultan u għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ġie magħmul l-"Att ta' Riparazzjoni Solenni."

4) Il-Papa Piju XI fl-Enċiklika "Miserentissimus" tat-8 ta' Mejju, 1928, kien insista ferm fuq din il-Konsagrazzjoni u Riparazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Kien proprju f'din l-Enċiklika li wera l-importanza kbira li l-insara jagħmlu Att ta' Riparazzjoni. Tant kien fiha tagħlim sostanzjali fuq il-Qalb ta' Ġesù, li l-istess Enċiklika ġiet imsejħa mill-bosta Isqfijiet bħala "Iċ-Ċentru tad-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù."

5) L-istess Papa Piju XI fl-Enċiklika l-oħra tiegħu "Caritate Christi Compulsi" tat-3 ta' Mejju 1932, reġa' tkellem biċ-ċar fuq l-importanza ta' l-Att ta' Riparazzjoni. Fil-waqt li reġa' ġabar fil-qosor u iktar biċ-ċar it-tagħlim ta' l-Enċiklika l-oħra li kien kiteb erba' snin qabel, huwa insista u obbliga li l-Att ta' Riparazzjoni għall-offiżi li jirċievi Kristu fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija, u b'mod speċjali għall-uġiegħ li sofriet il-Qalb Divina Tiegħu waqt il-passjoni, għandu jsir iktar ta' spiss mill-insara u b'mod speċjali mill-erwieħ ikkonsagrati lil Alla. Kien proprju f'din l-okkażjoni li l-Qdusija Tiegħu stess niseġ it-talba tal-Kolletta tal-Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù li tibda bil-kelmiet: "O Alla, li fil-Qalb ta' Ibnek midrub għal dnubietna......"

6) Il-Papa Piju XII fl-Enċiklika tiegħu tal-15 ta' Mejju 1956, li ġġib il-kelmiet tal-bidu tagħha: "Harietis acquas in gaudio", ġabar it-teoloġija moderna skond il-kelmiet ta' San Pawl. Meta nkitbet l-Enċiklika, id-dinja kollha kien għadha issofri l-konsegwenzi tal-ġerħa tal-gwerra, li kien għadha kif għaddiet u li warajha ħalliet ħerba tassew kerha. F'dak iż-żmien, il-materjaliżmu be-

ikompli paġna 6

# IL-FESTI CENTINARJI 1975

Ejjew, nies tal-Għajn il-Kbira — ruħna sew nippreparaw
biex il-festi ċentinarji — bl-akbar ferħ niċċelebraw!

Għaliex il-Qalb ta' Kristu — sew tlett mitt sena ilu
deher lil Santa Margerita — u talabha biex tpattilu

għall-insulti li jirċievi — mill-bnedmin ħżiena, ingrati,
u f'imħabbtu kbira wiegħed — li kbar grazzji huwa jagħti

lil kull min ikompli xewqtu — jagħmillu r-riparazzjoni
bi Tqarbina f'Ewwel Ġimgħa — bil-qima w id-devozzjoni.

Għalhekk aħna bħal tifkira — sejrin nagħmlu festi twal,
stedinna lil Għawdex kollu — u se ngibu Kardinal.

Nagħmlu ħilitna kollha — sabiex kollox imur sewwa!
nagħtu sehemna biex jirnexxi — kemm ta' barra, kemm ta' ġewwa!

Hekk inkunu ta' eżempju — u gost nagħtu lill-Bambin.
Fuq kollox infittxu nersqu — lejn il-Qrar u t-Tqarbin!

Imbagħad ħalli niddevertu — nies kollha minn tal-Fontana,
u ngħajtu: "Viva l-Qalb ta' Kristu" — b'qalbna safja u ferħana!

**RITA BORG.**

---

da joħroġ rasu minn taħt il-blat u beda jinfiltra anke fit-tagħlim ta' ċerti klassijiet soċjali. Il-Qdusija Tiegħu spjega fil-wisa' l-kelmiet ta' l-Appostlu tal-Ġnus: "Il-Wisa', it-Tul, il-Fond u l-Għoli ta' l-imħabba ta' Kristu li tiżboq lil kull għerf."

7) Il-Papa Pawlu VI bl-Ittra Apostolika tiegħu "Investigabiles Divitias Christi" tas-6 ta' Frar, 1965, ġabar iċ-ċentru ta' din id-devozzjoni u fil-waqt li taha libsa ġdida li tgħodd għaż-żminijiet tagħna, bena l-Ittra tiegħu fuq l-imħabba ta' Ġesù għall-bnedmin. Huwa insista fuq ir-rispett lejn Kristu fl-Ewkaristija li Hu "teżor infinit ta' mħabba; Ħuġġieġa taqbad ta' mħabba, fejn Ġesù jinsab biex jidħol għalina quddiem il-Missier." Il-Qdusija Tiegħu fil-waqt li semma' t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II fuq Kristu, "Sultan u għaxqa tal-Qlub kollha, li Huwa r-Ras tal-Knisja, il-bidu, l-ewwel fost il-ħajjin", wera li hemm bżonn li jkun hemm devozzjoni sinċiera lejn il-Qalb ta' Kristu. Kien Huwa stess li poġġa l-kelmiet: "F'din id-devozzjoni, il-qdusija tal-bnedmin u l-glorifikazzjoni t'Alla, li madwarha l-qofol tal-Knisja huwa miġbur, hemm il-ħajja eterna. B'dawn l-istess ezortazzjonijiet il-Qdusija Tiegħu ħatar lill-Kardinal Ermenegildo Florit, Arċisqof ta' Firenze, "Delegatus a Latere" għas-17 il-Kungress Ewkaristiku li sar f'Pisa. Id-data ta' dan id-digriet hija dik tat-30 ta' Mejju, 1965.

# IL-QIMA LEJN IL-QALB TA' GESU' FIL-KNEJJES T'GHAWDEX

Minn DUN NIKOL VELLA APAP

Il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù bdiet tixtered fid-dinja Kattolika minn meta Ġesù deher lil Santa Margerita Marija Alacoque, soru tal-Viżitazzjoni, fis-sena 1675, sewwa sew tlett mitt sena ilu, u li t'hekk id-dinja Kattolika qiegħda tfakkar il-ġrajja.

F'din il-kitba se naraw kemm l-Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum għandhom għal qalbhom il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù, li hi tassew il-għajn tal-grazzja, ħajja u ħelsien. Niesna lill-Qalb ta' Ġesù tqimha mhux biss fi djarha, billi tikkonsagrahom lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija, u tagħmel b'devozzjoni d-disa' Ġimgħat fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, imma wkoll u fuq kollox fil-knejjes.

Fil-Knisja Katidrali, fil-kappella fejn hemm il-mawsulew tan-nobbli Ġanni Kastalletti u l-qabar ta' l-Isqof Ġużeppi Pace (1945-1972), hemm xbieha tal-Qalb ta' Ġesù. F'din il-kappella, meqjuma lill-Madonna tas-Solidat jew tas-Seba' Duluri, fuq dan il-kwadru, fi prospettiva tar-rħam bi skultura fl-injam indurat, hemm kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù. Id-disinni ta' l-artal u tal-faċċata tar-rħam huma tal-pittur magħruf Malti Franġisku Vincenzo Zahra (1680-1765). Dan ix-xogħol tar-rħam kien sar mill-marmista Antonju Nicholas fis-sena 1768 bil-prezz ta' 1,580 skud. Iż-żewġ kwadri li semmejna huma wkoll tal-pittur F.V. Zahra. Xhieda ta' dan hi l-kitba li hemm fuq il-warrani ta' kull kwadru billi jġibu l-isem Frnc. Vinc. Zahra u s-sena 1770. (Mill-Manuskritt tiegħi Vol. XXXI, paġ 51-52).

Fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Bażilika ta' San Ġorġ, fil-kappella tas-Santissimu Sagrament, hemm ukoll kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù fuq il-bieb li jagħti għas-sagristija. Din il-kappella hi meqjuma lil Ġesù Marija u l-vara tagħhom saret fl-1810 mill-iskultur Malti Sigismondo Dimech (1780-1853). Dari dan il-kwadru kien jinsab fuq in-niċċa ta' l-artal tal-Kurċifiss qabel ma tneħħa t-tieni kwadru ta' San Gejtanu. Dan il-kwadru sabiħ kien tpitter mill-Fratell Ġiżwita Filippo Cosimo, li pitter lil San Gejtanu wkoll u li llum jinsab fuq l-artal tal-Kurċifiss biex ifakkar li dan l-artal darba kien meqjum lil San Gejtanu. (Ara "Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ" ta' John Bezzina). Fis-sena 1891 beda jsir fil-Bażilika ta' San Ġorġ ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesù bil-ħidma tal-Kan. Dun Karm Sultana. Matul dan ix-xahar kienet issir priedka qabel il-Benedizzjoni Sagramentali. Dan spiċċa fl-1940. Fl-1941, matul dan ix-xahar kienet tingħad biss il-kurunella tal-Kan. D. Ludovik Mifsud Tommasi (1796-1879). Meta l-priedki tneħħew minn Ġunju, bdew isiru ta' kull sena,

u għadhom sal-lum, fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru, l-Eżerċizzi msejħa "tal-Qalb ta' Ġesù". Mill-1944 f'din il-Bażilika qed issir ukoll il-festa tal-Qalb ta' Ġesù l-Ħadd fuq il-Festa tiegħu billi jsiru l-għosrien u priedka. (Mss. tiegħi, Vol. IV.)

Fil-Knisja ta' San Ġakbu Appostlu, f'misraħ it-Tokk, insibu wkoll qima lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fuq wieħed miż-żewġ bibien, ħdejn l-artal maġġur dari kien hemm kwadru, pittura taż-żejt, tal-Qalb ta' Ġesù. Illum dan jinsab fis-sagristija fuq. F'din il-Knisja fid-9 ta' Diċembru, 1892, ġiet imwaqqfa l-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù — l-ewwel waħda fid-Djoċesi Għawdxija. Dan kien fi żmien l-Isqof Fra G.M. Camilleri, O.E.S.A. (1843-1925) u l-Arċipriet taż-żewġ Parroċċi tar-Rabat, il-Kan. Dr. Dun Feliċ Refalo (1872-1917). L-ewwel vestizzjoni saret fil-25 ta' Novembru, 1893, mill-Isqof Camilleri u kienu nkitbu tlieta u tletin Fratell, erba' minnhom Kanoniċi Kapitulari u erba' qassisin oħra. Fl-4 ta' Mejju, 1893, din il-Fratellanza ġiet magħquda ma' dik ta' Santa Maria della Pace f'Ruma. L-istatwa sabiħa u devota tal-Qalb ta' Ġesù saret fl-1892 bil-ħidma tan-Nutar Vincenzo Goioso. Kull sena f'din il-Knisja kienet issir il-festa tal-Qalb ta' Ġesù nhar il-festa tiegħu u kienet issir ukoll priedka. (Mss. tiegħi. Vol. XVII.)

Fil-Knisja tat-Twelid tal-Madonna, fejn hemm l-Adorazzjoni Perpetwa u li hi magħrufa bħala ta' Savina, insibu wkoll il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fil-korsija tagħha hemm artal tal-Qalb ta' Ġesù b'niċċa bil-vara tiegħu li saret f'Marsilja fi żmien ir-Rettur Mons. Dr. Luigi Vella (1859-1928). Fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù f'din il-Knisja jinżamm jum Adorazzjoni solenni għas-sekulari. Fi żmieni, meta konna seminaristi kbar (1952-1958), konna mmorru wara nofs inhar f'din il-Knisja għal siegħa Adorazzjoni, li issa qed issir kemm għas-Seminaristi u kemm għall-Kleru fil-Parroċċa tal-Għajn il-Kbira u titmexxa mill-Isqof.

Fil-Knisja ta' Santu Wistin, fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, hemm ukoll kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù, li tpitter mir-Ruman Tito Troja madwar l-1890. (Mss. tiegħi, Vol. V. p. 183).

Fil-Knisja ta' San Franġisk, fir-Rabat, hemm kwadru ovali ieħor tal-Qalb ta' Ġesù, fuq l-artal ta' San Ġużepp minn Copertino u hemm jinżamm is-sena kollha għall-qima tal-fidili.

Fil-Knisja ta' Sant'Injazju minn Loyola u tal-Madonna ta' Manresa, insibu wkoll il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù u hemm anke kwadru tiegħu li jinsab fuq wieħed mill-bibien ħdejn l-artal maġġur. Il-Ġiżwiti, li huma magħrufin għat-tixrid tal-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù, qegħdin kull ma jmur ikomplu jxerrdu din il-qima fin-nies tal-ħâriet tagħhom. (Mss. tiegħi Vol. XV.)

L-Isptar ta' San Ġwann Battista u Sant'Antnin minn Padova, mibni mill-Kan. Dun Ġammarija Camilleri bejn l-1719 u l-1728 fi żmien il-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722-1736), li sa ftit żmien

ilu kien magħruf bħala l-Isptar Victoria, kien hemm ukoll il-qima primarja lejn il-Qalb ta' Ġesù. Sewwa sew fil-bitħa ta' quddiem il-kappella hemm statwa tal-ġebel tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol l-istatwarju Għawdxi Agostino Camilleri, P.E.P. Il-kappella ta' dan l-isptar hi meqjuma wkoll lill-Qalb ta' Ġesù. Il-kwadru sabiħ tagħha hu xogħol il-pittur G. Tanti, li tpitter f'Awissu tal-1937. Din il-kappella li nbniet fi żmien l-Isqof Mikiel Gonzi ġiet ikkonsagrata fit-23 ta' Novembru, 1954, mill-Isqof Ġużeppi Pace. Fl-1892, fl-24, 25 u 26 ta' Ġunju kien sar tridu fil-kappella l-qadima bħala qima lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fil-21 ta' Mejju, 1922, dan l-Isptar ċivili ġie ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù minn Patri Luigi Briffa, S.J. (Mss. tiegħi, Vol. XXIII.)

Is-Seminarju tagħna, magħruf bħala tal-Qalb ta' Ġesù, għandu qima lejn il-Qalb ta' Ġesù tista' tgħid mit-twelid tad-Djoċesi. Fl-1866 insibu bħala professur f'dan is-Seminarju lil Patri Pietro di Giorgio, S.J., minn Sqallija. Dan beda jxerred din il-qima mhux biss fis-Seminarju, imma wkoll fil-parroċċi, hekk li f'ħafna minnhom twaqqaf l-Apostolat tat-talb. L-ewwel ktieb tat-talb tas-Seminarju, stampat għand Giov. Muscat fl-1894, iġib l-isem: "Manuale per uso della Congregazione dei Chierici sotto l'invocazione del S. Cuore di Ġesù ed il Patrocinio di S. Luigi Conzaga eretta nella Diocesi di Gozo". Id-daħla tiegħu, miktuba mis-Saċ. A.M. Hili, (li spiċċa bħala Arċipriet tal-Parroċċi tar-Rabat, 1917- 1943), tibda hekk: "Fratelli dilettissimi nel S. Cuore di Gesu". Dan il-ktieb fih ukoll talb lill-Qalb ta' Ġesù. Meta kien Rettur Mons. Alfonso Maria Hili, (1910-1917), saret dik l-istatwa ħelwa li sa llum għadha f'ras l-ewwel pjan fit-tarġ tas-Seminarju. Ta' kull sena, fl-aħħar jum qabel ma jagħlaq għall-vaganzi tas-sajf, tiġi iċċelebrata fis-Seminarju, il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Fi żmieni kienu jsiru żewġ għosrien, Quddiesa kantata u jum Espożizzjoni solenni. Filgħaxija, wara t-tieni għasar, kienet issir priedka u l-funzjoni kienet tispiċċa b'"Te Deum" u Barka Sagramentali. (Mss. tiegħi Vol. XXIII).

Ngħaddu issa ħalli naraw il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-parroċċi u knejjes oħra ta' Għawdex.

Nibdew mill-Parroċċa-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Dan qegħdin niktbuh bi preċedenza billi f'din is-sena qegħdin jitfakkru b'tant solennità f'din il-Parroċċa t-tlett mitt sena mid-dehriet tal-Qalb ta' Ġesù lis-Soru tal-Viżitazzjoni, Santa Margerita Marija Alacoque. Bla ma nirripeti dak li ktibt fit-tieni ħarġa ta' "L-GĦAJN IL-KBIRA" hawn nixtieq inżid li l-ewwel ġebla tal-Knisja tal-Fontana tpoġġiet fid-29 ta' Jannar, 1892, mill-Isqof G.M. Camilleri, mgħejjun miż-żewġ Kanoniċi Kapitulari Dun Franġisk Cassar u Dun Karm Sultana. F'din l-okkażjoni daqqet il-Banda "La Stella". Il-ġebla ġiet merfugħa mis-Sur Kamillu Gatt, Assistent Segretarju tal-Gvern f'Għawdex, mis-Sur Pawlu Cremona LL.D., Maġistrat, u mis-Sur Luigi Cremona LL.D., Maġistrat ukoll. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata fid-29 ta' Jannar, 1905, mill-Isqof G.M. Camilleri u fl-1911 il-Papa San Piju X waqqafha Parroċċa. Il-Fratellanzi tal-Qalb ta' Ġesù u ta' S. Andrija twaqqfu mill-Isqof Camilleri, il-Ħadd, 18 ta' Diċembru,

1906. L-ewwel vara tal-Qalb ta' Ġesù, li llum tinsab f'niċċa fis-sagristija, tbierket f'Ġunju, 1907, u nġabet fis-26 ta' Mejju minn Franza. It-tberik sar fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Bażilika ta' San Ġorġ u minn hemm saret translazzjoni biha għall-Knisja tal-Għajn bissehem tal-Kleru, Fratellanzi ta' San Ġorġ u ta' l-Arċipriet Dr. Feliċ Refalo, kif ukoll tal-Banda "La Stella". Iż-żewġ kwadri laterali talkor li fihom ix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù saru għall-festa tal-1907 mill-Profs. Lazzru Pisani, (1856-1932). Il-kwadru titulari, xogħol Ġ. Calì, tbierek fl-10 ta' Mejju, 1904. Il-vara preżenti tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol Wistin Camilleri P.E.P., ġiet sponuta għall-ewwel darba fit-3 ta' Ġunju, 1923. Fil-11 ta' Ġunju, 1950, saret għall-ewwel darba d-dimostrazzjoni bl-istatwa ġdida tal-Qalb ta' Ġesù, ukoll xogħol Wistin Camilleri. L-istatwa għall-festi esterni li hemm illum, saret mis-Sur Ġużè Segona fl-1969, (Mss. Vol. XVIII u XXXVII).

Fil-Kolleġġjata, Matriċi u Bażilika tal-Għarb, hemm kwadru tal-Qalb ta' Ġesù ħdejn l-artal tar-Rużarju. Hu xogħol it-Taljan Gianni Gallucci. Mikiel u martu Margerita Formosa fit-12 ta' Diċembru, 1861, ħallew legat fuq raba' f'ta' Sdieri għall-paniġierku fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Quddiesa kantata f'din il-festa hi mħollija minn Grazzja Debrincat fuq raba' "tal-Ħofra", fi Triq Sdieri, kif jidher fl-Atti tan-nutar Ġanni Refalo tas-6 ta' Settembru, 1894. Il-Kan. Teol. Ġużepp Grech ħalla għall-Eżerċizzi tal-Qalb ta' Ġesù fl-aħħar ġimgħa t'Ottubru. (Mss. Vol XXI).

Fin-Nadur hemm knisja tal-Qalb ta' Ġesù. L-ewwel ġebla tpoġġiet fl-4 ta' Mejju, 1904. Benefattur kbir ta' din il-knisja kien Dun Ġużepp Vella, li miet fis-17 ta' Mejju, 1906. Wara mewtu, il-knisja tkompliet bl-ispejjeż mill-familja tiegħu. Ġiet imbierka u ikkonsagrata mill-Isqof Camilleri fit-22 ta' Mejju, 1910. Il-kwadru titulari tal-lum hu tal-pittur Ġanni Vella. Dak li kien hemm qabel u li issa jinsab għand il-familja Vella hu xogħol ta' Lazzru Pisani. Il-pittura tal-koppla u tas-saqaf saret mill-Profs. G. Briffa. (Mss. tiegħi, Vol. XXII).

Fil-Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur hemm ukoll kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù fuq l-artal ta' l-Erwieħ. F'din il-Matriċi ssir ukoll il-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra l-kappella tas-Sagrament hi meqjuma lill-Qalb ta' Ġesù. Il-kwadru sar minn G. Vella fl-1918. F'din il-kappella hemm ukoll statwa ta' Santa Margerita Marija Alacoque. Il-kappella, flimkien ma' l-oħra tal-Kurċifiss, inbnew fi żmien l-Arċipriet Mawrizju Cauchi, Prel. Dom. (1923-1951) taħt it-tmexxija tal-perit Ugo Mallia. (Mss. tiegħi Vol. XXXIII).

Fir-Rotunda tax-Xewkija wkoll hemm kwadru tal-Qalb ta' Ġesù. Hawn il-festa tal-Qalb ta' Ġesù saret l-ewwel darba fis-17 ta' Ġunju, 1893. Qabel kien hemm kwadru qadim tal-Qalb ta' Ġesù, li issa jinsab fil-Mużew tar-Rotunda. Fis-6 ta' Jannar, 1930, il-każin

tal-Banda "Prekursur" ġie ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù. (Mss. tiegħi Vol. XXV).

Fil-Knisja Matriċi ta' Sannat hemm artal meqjum lis-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll statwa tal-Qalb ta' Ġesù f'niċċa fuq l-artal tar-Rużarju.

Fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ hemm kwadru tal-Qalb ta' Ġesù fil-kappella tal-Kunċizzjoni. Il-festa ssir b'solennità kbira.

Xbiha ovali tal-Qalb ta' Ġesù tal-pittur Ġużeppi Calì tinsab ukoll fil-Knisja Arċipretali ta' Għajnsielem. Barra mill-Eżerċizzi tal-Qalb ta' Ġesù, issir ukoll il-festa ad unur ta' din il-Qalb u dak inhar issir Quddiesa fl-10.00 a.m. Din, flimkien mat-tridu, hi mħollija minn Loreta Refalo. Fit-8 ta' Diċembru, 1914, f'Għajnsielem twaqqfet il-kongregazzjoni "Stelle del Sacro Cuore di Gesù", (Mss. tiegħi Vol. VI).

Fil-Knisja Arċipretali tal-Qala hemm il-kappella tal-Qalb ta' Ġesù, mibnija fl-1951. Il-kwadru tpitter mill-Profs. G. Vella.

Fil-Knisja ta' Kerċem wieħed mill-artali tal-kappelluni hu tal-Qalb ta' Ġesù. Il-kwadru juri d-dehra lil Santa Margerita Marija Alacoque u hu tal-Profs. Taljan Virgilio Monti. F'Kerċem hemm ukoll il-kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù magħquda ma' dik ta' Santa Maria della Pace b'digriet minn Ruma fid-19 ta' Marzu, 1857. (Mss. tiegħi, Vol. XXV).

Fil-Knisja ta' San Lawrenz hemm statwa tal-Qalb ta' Ġesù u artal tal-kappelluni meqjum lilu. Il-kwadru hu tal-Profs. G. Vella u sar fl-1955 a spejjeż ta' Dun Salv Fiteni, D.D., mill-Għarb. L-istatwa hi xogħol Wistin Camilleri, P.E.P.

Fil-Parroċċa tal-Munxar insibu kwadru tal-Qalb ta' Ġesù, li, tul Ġunju, jiġi espost fuq il-presbiterju għall-qima tal-fidili. Fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, minbarra l-Adorazzjoni matul il-jum, isiru żewġ Quddisiet imħollija bħala legat.

Fil-Knisja ta' Marsalforn wieħed mill-artali hu tal-Qalb ta' Ġesù. Il-kwadru tpitter fl-1879. Il-kappella tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fid-dar tal-villeġġjatura fix-Xwejni hi meqjuma lill-Qalb ta' Ġesù.

Il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja ta' Santa Luċija ilha mill-1883. Hawn insibu statwa ta' Wistin Camilleri. Fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù ssir Quddiesa mħollija bħala legat.

Fil-Knisja ta' Ġieżu, fl-Imġarr, hemm statwa tal-Qalb ta' Ġesù f'wieħed mill-angli ta' taħt il-koppla.

L-isptar fil-Fortizza ta' Chambray ġie ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù mill-Isqof Mikiel Gonzi fit-30 ta' Ġunju, 1939.

Fil-31 ta' Marzu, 1887, fuq l-artal fil-Kappella "Ta' Pinu" tpoġġa kwadru tal-Qalb ta' Ġesù għall-qima tad-devoti. Dan kien ġie mogħti mill-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace (1877-1889).

Issa li rajna l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-knejjes ta' Għawdex, inkomplu nitħeġġu aħna u nqimu lill-Qalb ta' Ġesù ħajjitna kollha b'mod li din il-qima ngħadduha lil ta' warajna.

Fl-aħħarnett, bil-kelma tal-Poeta Nazzjonali Mons. Dun Karm Psaila, insellmu lill-Qalb ta' Ġesù:

Tina l-ħlewwa ta' l-ilsna tas-sema,
biex il-ġieħ li jixraqlek nagħtuk;
Qalb ħanina, li tgħader, li taħfer,
kif ħabbejtha nixtiequ nħobbuk.

N.B. Il-jedd ta' l-istampa hu miżmum mill-kittieb.

ORPHANS' PRESS.

# Kronaka tal-Parrocca

## Mill-21 ta' Mejju 1974, sal-20 ta' Mejju 1975

| | |
|---|---|
| 31 - 5 - 74: | Magħmudija ta' Antoinette, bint Grezzju Cutajar u Marija neè Hili. Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb ta' Marija bħala għeluq ix-xahar ta' Mejju. |
| 8 - 6 - 74: | Tieġ ta' Pawlu Farrugia, minn Victoria, ma' Marija Cassar, minn Fontana. |
| 9 - 6 - 74: | Irċevew l-Ewwel Tqarbina: Joseph M. Portelli, Renzo Curmi, Paul Galea, Charlie Cardona, Adrian Sacco, Sunny Farrugia, Benny Cutajar, Tony Vella, Alex Vella, Ġorġina Galea, Frances Galea, Mary Farrugia, Feliċità Tabone, Judith Cardona, Ġorġina Spiteri, Margaret Formosa u Ġorġina Cassar. |
| 13 - 6 - 74: | Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, (Corpus): wara nofs inhar saret Konċelebrazzjoni u Purċissjoni Ewkaristika. Il-Purċissjoni waqfet għal ftit fi Triq il-Kappillan Hili u hemm ingħatat il-Barka. |
| 16 - 6 - 74: | Għeluq il-Festi Esterni f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù. It-tridu kien ippredikat minn Dun Mikiel Borg u l-paniġierku mill-W.R. Kan. Lorenzo Mifsud, Arċipriet tal-Birgu. |
| 20 - 6 - 74: | Lejlet is-Solennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù. Saret il-preżentazzjoni tat-tfal u tat-trabi lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. |
| 21 - 6 - 74: | Solennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù. Saret ġurnata Adorazzjoni, Siegħa għall-Kleru kollu t'Għawdex li tmexxiet minn Mons. Isqof u Konċelebrazzjoni ma' l-istess Isqof Nikol Ġ. Cauchi. |
| 23 - 6 - 74: | Magħmudija ta' Anthony, bin Lorenzo Portelli u Luċija neè Buttigieg. |
| 29 - 6 - 74: | Magħmudija ta' Mary Rose, bint Anton Cordina u Carmela neè Saliba. |
| 10 - 7 - 74: | Funeral ta' Tarċisja Formosa. |
| 20 - 7 - 74: | Tieġ ta' Ewkaristiku Curmi minn Għajnsielem, ma' Miriam Galea, minn Fontana. |
| 6 - 8 - 74: | Magħmudija ta' Karen, bint Carmel Curmi u Lydia neè Said. |
| 13 - 8 - 74: | Funeral ta' Luigi Cardona. |

21 - 8 - 74: Magħmudija ta' Marija, bint Ġużepp Camilleri u Doris neè Mercieca.

27 - 8 - 74: Funeral ta' Marija Galea.

29 - 8 - 74: Magħmudija ta' Mary-Anne, bint Loretu Saliba u Anna neè Attard.

31 - 8 - 74: Tieġ ta' Joe Debattista, minn Victoria, ma' Ġina Borg, minn Fontana.

6 - 9 - 74: Magħmudija ta' Mark, bin Lippu Farrugia u Marija neè Cardona, u ta' Mark, bin Ġużepp Borg u Ġorġa neè Mercieca.

7 - 9 - 74: Tieġ ta' Charles Zammit, minn Victoria, ma' Marija Portelli, minn Fontana.

15 - 9 - 74: Magħmudija ta' Amy-Diane, bint Richard Deane Harvey u Josephine neè Grech.

28 - 9 - 74: Tieġ ta' Salvu Azzopardi, mix-Xagħra, ma' Josephine Borg, minn Fontana.

6 - 10 - 74: Tieġ ta' Joe Vella, mill-Marsa, ma' Mary Rose Curmi, minn Fontana. Saret il-Purċissjoni tar-Rużarju.

16 - 10 - 74: Festa ta' S. Margerita M. Alacoque. Saret Konċelebrazzjoni u priedka minn Dun Nikol Vella Apap.

18 - 10 - 74: Funeral ta' Ġorġa Attard.

1 - 11 - 74: Saret Konċelebrazzjoni għal ruħ Mons. Celestino Galea, Ph.D., fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena minn meta ġie ordnat saċerdot.

3 - 11 - 74: Bdiet il-Missjoni fil-Parroċċa bi thejjija għall-Festi Ċentinarji. Saret Konċelebrazzjoni mill-Missjunarji. Matul il-Missjoni saru priedki u konferenzi għal kull kategorija, u żewġ "play forums".

17 - 11 - 74: Għeluq il-Missjoni b'Konċelebrazzjoni mill-Missjunarji u mis-Saċerdoti tal-Parroċċa.

23 - 11 - 74: Lejlet is-Solennità Liturġika ta' Kristu Re. Saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof.

26 - 11 - 74: Magħmudija ta' Rosina, bint Manwel Spiteri u Teresa neè Grima.

30 - 11 - 74: Magħmudija ta' Franca, bint Ġużepp Buttigieg u Marija neè Sultana.

7 - 12 - 74: Magħmudija ta' Marija, bint Franky Farrugia, u Giovanna neè Theuma.

15 - 12 - 74: Għeluq il-Festi Esterni f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu. It-tridu kien ippredikat minn Dun Ġużepp Cauchi u l-

paniġierku minn Dun Ġużepp Curmi.

21 - 12 - 74: Pellegrinaġġ tas-Sena Mqaddsa mill-Abbatini t'Għawdex mill-Knisja ta' S. Wistin għall-Knisja tagħna, fejn wara Mons. Isqof ikkonċelebra mad-Diretturi ta' l-Abbatini.
Magħmudija ta' Marcelline, bint Carmelo Farrugia u Marija neè Monpalao.

23 - 12 - 74: Pellegrinaġġ tal-Parroċċa mill-Knisja tas-Sorijiet Dumnikani sal-Knisja tagħna għar-rebħ ta' l-Indulġenzi tas-Sena Mqaddsa. Wara saret Konċelebrazzjoni.

25 - 12 - 74: Il-Milied. Qabel il-Funzjoni ta' nofs il-lejl saret purċissjoni bil-Bambin. Numru ta' familji żammew għal ġurnata tifel jew tifla mill-Istitut ta' Lourdes. Sar ukoll Party għat-tfal tad-Duttrina.

26 - 12 - 74: Pageant tal-Milied mill-Kor "Ulied Santa Margerita" ta' Sannat. Wara sar il-ħruġ min-niċċa ta' l-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù.

27 - 12 - 74: L-Ewwel Dehra tal-Qalb ta' Ġesù lil Santa Margerita M. Alacoque u Ftuħ tal-Festi Ċentinarji. Saret ġurnata Adorazzjoni. Fil-għaxija sar pellegrinaġġ djoċesan bl-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù minn Pjazza S. Wistin sal-Parroċċa-Santwarju tagħna, fejn wara Mons. Isqof ikkonċelebra ma' 32 saċerdot minn Għawdex kollu. Ħa sehem il-Kor il-ġdid tagħna, imħarreġ mis-Sem. Giovanni B. Cremona u mis-Sur Carmelo Schembri.

1 - 1 - 75: Numru ta' familji reġgħu żammew għal ġurnata tifel jew tifla mill-Istitut ta' Lourdes.

25 - 1 - 75: Ftuħ tal-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni ta' l-Artal il-ġdid.

29 - 1 - 75: Għeluq is-70 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ikkonsagra l-Artal il-ġdid u wara ikkonċelebra ma' 16-il saċerdot.

1 - 2 - 75: Intemmet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'Konċelebrazzjoni u Purċissjoni bis-Santissimu.

9 - 3 - 75: Intemmu l-Eżerċizzi tal-kbar, li, bħala parti mill-Festi Ċentinarji, kienu ippredikati minn Mons. Isqof.
Magħmudija ta' Josette, bint Giovanni Galea u Anastasja neè Camilleri.

14 - 3 - 75: Intemmu l-Eżerċizzi taż-żgħażagħ, ippredikati minn Dun Bert Curmi.

15 - 3 - 75: Magħmudija ta' Marlene, bint Ġużepp Formosa u Luigia neè Borg.

25 - 3 - 75: Pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Lourdes, fl-Imġarr,

fejn saret Quddiesa bl-Omelija mill-Kappillan.

26 - 3 - 75: Vjatku Solenni fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

27 - 3 - 75: Ħamis ix-Xirka. Wara l-funzjoni fil-Knisja, saru l-Visti tas-Seba' Knejjes fl-irħula.

28 - 3 - 75: Il-Ġimgħa l-Kbira. Minbarra l-funzjoni fil-Knisja, saret "Via Sagra" fi Triq il-Għajn, minn ħdejn il-Knisja sa Pjazza Tomba.

3 - 4 - 75: Lejlet id-Disa' Ġimgħat. Sar "carcade" mill-Pjazza tan-Nadur għal ħdejn il-Knisja tagħna bl-istatwa tad-dimostrazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Qabel it-tluq min-Nadur sar diskors minn Dun Mikiel Attard u t-tberik tal-vetturi mill-Kan. Anton Mejlaq.

4 - 4 - 75: Bdew id-Disa' Ġimgħat b'ġurnata Adorazzjoni u Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof. Sar ukoll marċ mill-Banda "La Stella".

11 - 4 - 75: Pellegrinaġġ mill-Munxar u Konċelebrazzjoni mill-Kappillan u l-kleru ta' l-istess Parroċċa.

18 - 4 - 75: Pellegrinaġġ mill-Għasri u Konċelebrazzjoni mill-Kappillan u l-kleru ta' l-istess Parroċċa.

20 - 4 - 75: Magħmudija ta' Louisianne, bint Ġorġ Casha u Marija nee Curmi, u ta' Peter Paul, bin Kustanz Micallef u Carmela neè Said.

25 - 4 - 75: Pellegrinaġġ minn Kerċem u Konċelebrazzjoni mill-Kappillan u l-kleru ta' l-istess Parroċċa.

2 - 5 - 75: Quddiesa bir-Rit Grieg mill-Papas Vito Borgia.

8 - 5 - 75: Magħmudija ta' Ġorġ, bin John Micallef u Stella neè Refalo.

9 - 5 - 75: Pellegrinaġġ minn Għajnsielem u Konċelebrazzjoni mill-Arċipriet u l-kleru ta' l-istess Parroċċa.

10 - 5 - 75: Konċelebrazzjoni mill-Isqof mas-Saċerdoti li ġew ordnati fl-1968.

11 - 5 - 75: Magħmudija ta' Josephine, bint Francesco Galea u Mary neè Mejlaq.

16 - 5 - 75: Pellegrinaġġ miż-Żebbuġ u Konċelebrazzjoni mill-Arċipriet u l-kleru ta' l-istess Parroċċa.



Kwadru Titulari tal-Qalb ta' Ġesù